MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 418/2010

**Banif Bank (Malta) PLC (C-41030)**

**Vs**

**Invest BG Limited (C-38756)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjeta’ attrici permezz ta’ liema titlob li is-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ tmient elef mitejn u hamsa u sittin Euro u tmienja u tletin centezmu rapprezentanti bilanc dovut fuq self moghti lilha mis-socjeta’ attrici ai termini tas-*sanction letter* datata 28 ta’ April 2008 u li jikkoncerna l-*overdraft account* bin-numru 5380 10 001 li l-istess socjeta’ konvenuta ghandha mas-socjeta’ attrici, bl-imghax ulterjuri dekoribbli mit-18 ta’ Ottubru 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 6 ta’ Lulju 2009 u tal-ittri ufficjali datati 1 ta’ Frar 2010 u 10 ta’ Mejju 2010, u tal-Mandat ta'

Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, kontra s-socjeta' konvenuta;

Rat id-dokumenti markati bhala Dok. "A", Dok. "B", Dok. "C", Dok. "D" u Dok. "E" annessi mis-socjeta' attrici flimkien mar-Rikors promotur;

Rat illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata bir-Rikors tas-socjetà attrici u bl-Avviz tas-smigh permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, naqset milli tipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas dehret ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda moghtja minn Vanessa Bugeja, rapprezentanti tas-socjeta' attrici, waqt is-seduta tat-13 t'Ottubru 2011.

Rat in-nota ta' riduzjoni prezentata mis-socjeta' attrici waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2011 li biha rriduciet it-talba attrici ghal tmint elef, mitejn u sitta u hamsin Euro u tmienja u tletin centezmu (€8,256.38).

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjeta' attrici titlob lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' tmint elef mitejn u sitta u hamsin Euro u tmienja u tletin centezmu (€8,256.38).

Vanessa Buttigieg, rapprezentanti tas-socjeta' attrici, ikkonfermat , waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011, li s-somma mitluba ghadha dovuta lis-socjeta' attrici, anzi li llum zdiedet peress illi kompla jiddekorri l-imghax. Ikkonfermat ukoll li d-dokument Dok. "A" anness mar-Rikors promotur huwa s-*sanction letter* fuq liema hija bbazata l-azzjoni attrici u li mid-data tal-prezentata tar-

Rikors promotur ma gewx effettwati iktar pagamenti mis-socjeta’ konvenuta.

Mid-dokumenti esebiti mis-socjeta’ attrici mar-Rikors promotur jirrizulta konfermat li: (i) is-somma mitluba mis-socjeta’ attrici tinkludi l-imghax li, sat-18 ta’ Ottubru 2010 kien jammonta ghal tmienja u tletin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€38.81); (ii) is-somma mitluba tirrapprezenta dejn li ghad fadlilha s-socjeta’ konvenuta mas-socjeta’ attrici wara li gie likwidat a favur l-istess socjeta’ rahan fuq erbghin elf (40,000) *bond* mahrug fuq isem is-socjeta’ konvenuta minn Corinthia Finance plc u msejha “6.5% Corinthia Finance plc Euro Bonds 2010” (ISIN MT0000101221); (iii) is-self li s-socjeta’ konvenuta hadet minghand is-socjeta’ attrici sar dovut stante li sehhew wahda jew aktar mill-*events of default* imsemmija fis-*sanction letter* annessa mar-Rikors promotur partikolarment, izda mhux esklussivament - a) *Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility*; or *b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility; or n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility;* u li (iv) is-socjeta’ attrici interpellat lis-socjeta’ konvenuta thallasha permezz ta’ ittra legali datata 6 ta' Lulju 2009, ittra ufficcjali datata 1 ta' Frar 2010 u ittra ufficcjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 10 ta' Mejju 2010, izda s-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx dak minnha dovut bil-konsegwenza li kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri.

Is-socjeta’ konvenuta ghalkemm debitament notifikata bir-Rikors tas-socjetà attrici u bl-Avviz tas-Smigh ma dehritx, ma ressqitx eccezzjonijiet u baqet kontumaci.

Mill-provi prodotti mis-socjeta’ attrici jirrizulta b’mod sodisfacenti li s-socjeta’ konvenuta hija debitrici taghha u ghandha thallasha l-ammont mitlub.

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ €8,256.38, bl-imghax ulterjuri dekorribbli mit-18 ta’ Ottubru 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 6 ta’ Lulju 2009 u tal-ittri ufficjali datati 1 ta’ Frar 2010 u 10 ta’ Mejju 2010, jibqghu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------